# *Ismijiet Ingliżi tal-Ħwienet tax-xorb f'Għajnsielem*

## *Dun Karm Cassar*

Jien fil-magazin li toħroġ il-Parroċċa u f'dak tal-banda tagħna San Ġużepp inħobb nikteb artikli li b'xi mod jew ieħor ikollhom x'jaqsmu mar-raħal tagħna Għajnsielem, u dan inħoss li qed nagħmlu b'sens pattrijottiku u mhux bħala xi ħadd imfatwat. Kittieb professjonali mhiniex, biss mill-faqar tiegħi nipprova nħarbex xi ħaġa dejjem relatata ma' raħalna u dan grazzi lill-eks segretarju tal-Banda tagħna Ġużeppi Attard.

Kienet is-sena iddedikata lit-tfal u Ġużeppi Attard li kien jafni bħala saċerdot li dejjem ħadt interess kbir fit-tfal kien talabni biex nikteb għall-magażin tal-Banda artiklu li jirigwarda t-tfal, u dak li hu talabni għamiltu mill-qalb. Minn dak iż-żmien 'l quddiem jiena kważi kull sena bqajt nikteb xi artiklu kemm fil-magażin tal-banda kif ukoll f'dak tal-paroċċa, u rrid illum inrodd ħajr, mhux biss lil Ġużeppi Attard iżda wkoll lil Joe Cauchi li b'tant paċenzja jieħu bija għax joqgħod jikkoreġi l-ortografija żbaljata tiegħi. Grazzi Joe.

Illum nixtieq nasal insemmi l-ismijiet Ingliżi ta' dawk il-ħwienet tax-xorb li għadni niftakar u xi oħrajn li ħbiebi fakkruni fihom, ħwienet li għad hawn jew kienu miftuħa f' Għajnsielem u ngħid li ftit ma kinux. F'dan l-artiklu l-ħwienet jien ħa nsemmihom Bars.



X'inhi l-kawża ta' numru tant kbir ta' ħwienet tax-xorb f'Għajnsielem għax kif jingħad ma hemmx effett mingħajr kawża? Fil-fehma tiegħi r-raġuni hija dovuta l-iktar billi f'Għajnsielem kien hawn is-servizzi militari u forsi wkoll dawk navali Ingliżi fil-fortizza Chambrai u wkoll għax ħafna Għajnselmiżi kienu baħħara u sajjieda u żgur kienu jħobbu sew dik il-qatra nbid.

Is-servizzi militari Ingliżi u dawk feruti f'xi gwerra ma niftakarhomx stabbli fil-belt Chambrai, niftakar biss meta xi kultant kienu jiġu xi riġmenti li għalihom il-forti Chambrai kien ikun bħala rest camp u għalhekk kont nara suldati Ingliżi jixorbu fil-ħanut ta' Frenċu Xuereb imlaqqam tal-Bej li l-ħanut tax-Xorb tiegħu kien fi triq Fawwara.

Ħa nibda issa nsemmi l-ismijiet Ingliżi ta' dawn il-bars u nitlaq minn Triq Sant'Antnin u nibda mill-ħanut ta' Gianni Tabone imlaqqam tal-Ġobon li safejn naf jien ma kellux isem. Il-ħanut ta' Wenzu tal-bandu, li qabel kien tal-Kujos kien iġib l-isem the American Bar u dak tal-familja Vella ta' Musa The Eight Army u dak ta' Ġużeppi Azzopardi tal-borqom sa issa ma wasalx x'kien ismu. Ħanut ieħor kien dak ta' Ropa li għadda għand neputih Ganni Rapa imlaqqam putaċċi Morning Star. Anki l-Grand Hotel tal-Gillieru kellha bar tagħha u dik li saret fi żmieni u li kien fetah is-Sur Carabezz u li wara għaddiet għand Ċikku Agius ta' Żerrek jiġifieri r-Royal Lady Hotel kellha wkoll il-bar tagħha.



Minn triq Sant'Antnin immorru għal triq l-Imġarr u mill-ewwel niltaqgħu ma' dak il-bar li kien ħdejn il-għajn kien iġib l-isem Liberty Bar li qabel kien ta' Nikol Cordina magħruf bħala tas-sewda li maż-żmien għadda f'idejn ibnu Ġużepp u wara għand Ċikku Sammut Eks Puluzija.

Fi żmien il-Gran Mastru Manuel De Vilhena (1722 – 1736) fix-xatt tal-Imġarr kienet inbniet dar kbira li jingħad li dan il-Gran Mastru Portugiż kien jiġi fiha għall-mistrieħ. Maż-żmien din id-dar saret osterija li kienet tati kenn lis-sajjieda u l-baħrin. Aktar tard din l-osterija nbidlet f'ħanut isfel u dar residenzjali fuq aktar minn mitt sena ilu u mbagħad ġiet mikrija u kienet isservi bħala ħanut tax-xorb u ikel għas-sajjieda u għall-baħrin u llum dan il-ħanut ġie mibdul f'restaurant li jismu The Vilhena restaurant.



Dak ta' Ġanni Vella ta' Musa iktar modern li fil-bidu kien ħanut tal-kafè u xorb u llum ġie mibdul f'restaurant baqa' f'idejn il-familjari tiegħu taħt l-isem Sea View bar fix-xatt imbagħad hemm dik li għadna nsibuha bħala l-barrakka u li qabel kienet ġiet imfarrka bil-gwerra kienet mibnija tal-injam u għadha bl-isem The Gleneagles, din kienet il-propjetà ta' Dumink u Katerina Camilleri u għadha f'idejn il-familjari tagħhom u jingħad




li żmien ilu kienet isservi bħala maħżen għal xi oġġetti tal-vapur Gleneagles.

Minn triq ir-rebħa fejn tinsab Gleaneagles ngħaddu għan-naħa l-oħra fejn jinsab il-Park Lane Bar u li sa minn tant żmien ilu kien f'idejn nies magħrufa tal-gillieru. F'din it-triq kien hemm darba l-Cardiff bar li kien mikri lil Ġużeppi Farrugia magħruf bħala tal-Mestulin u qribu kien hemm ieħor ta' Marigwann Vella u kien imsemmi St. John.

Immorru issa fi triq Ħamri u nibdew minn ta' Loretu Grech tas-Sipa bl-isem 'London Bar', ta' Ġużeppi Cutajar tar-ragel 'Friend to all', tal- Kaptan Mikiel Gauci tal-Bjanker 'The Blue Anchor', ta' Frenċu Xuereb Tal-Bej fi triq Fawwara 'The Glory of England', ta' Nonu Galea 'Tony's Bar' ta' Ġużepp Grima Tal-Bieżel, Duke of Edinborgh, ta' Tony Meilak il-Kejzer English Rose, ta' Ġużeppi Agius tal-Qormi u ta' Oħtu Lonza Grima, Xebba Agius u tal-Bonn li kienu t-Tlieta fi triq il-Ġnien li ma nafx kellhomx xi isem.

Jekk immoru fi triq Imġarr hemm ħanut ta' Pawlu Grech Tas-sipa First and Last Pub dak ta' Tony Attard fi triq Cordina Maple Leaf u fil-bidu tal-istess triq kien hemm il-ħanut ta' Ġużeppi Cordina magħruf bħala Bajjubba u l-isem kien Cordina's Bar, filwaqt li dak tal-faċċata tiegħu ta' Loretu tal-Loxx Calypso Bar u dak ta' Karmnu Gauci Charles Bar u wara xi werrieta li tawh l-isem Manchester Bar u ieħor fi triq Għajnsielem ta' Filomena Grima Morning Star u dak ta' Karmnu Galea tal-Bużaqq kien bla isem u dak ta' ħija Mike, almenu kif jidhirli jien kellu biss faċċata tabella ta' xi ditta tax-xorb.

Illum il-ħajja tal-bars xorbuha l-każini li huma mogħnija b'apparati moderni u ġiebu lejhom mhux biss Maltin jew Għawdxin iżda wkoll ħafna barranin.

Billi jiena nħobb l-anedotti bi tbissima ser nagħlaq dan l-artiklu b'anedott li veru ma' għandux x'jaqsam mar-raħal tagħna iżda iva għandu konnessjoni mal-bars tax-xorb.

Nibda ngħid għal min ma jafx, li l-ħwienet tax-xorb għall-bejgħ tal-inbid kellhom qisien ħa nsejħilhom hekk kejliet għax-xorb tal-inbid u li kienu allura nofs pinta, il-pinta, it-terz u dak imsejjaħ in-nofs għax-xorb tal-inbid.



Jingħad li wieħed saċerdot Rabti kull filgħaxija kien imdorri jmur jixrob xi ftit nbid minn bar fi qrib daru. Xi ħadd kien qal b'dan lill-isqof ta' Għawdex Mons Giov. Maria Camilleri Osa. L-isqof Camilleri allura sejjaħlu u qallu hekk: Dun NN inti qed tmur tpennitli (jiġifieri qed tmur tixrob pinta nbid mill-ħwienet) u l-qassis wieġeb lill-isqof hekk: mhux veru eċċellenza għax jien dejjem terz inbid nixrob u mhux pinta. Il-qassis ma qalx kelma b'oħra għax kien qallu l-verità u mbagħad l-istorja ma nafx ngħid kif spiċċat.

